## 29 ta' Jannar, 1954.

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Perit Cavaliere Emmanuele Borg, A. & C.E.**

***versus***

**Carmelo Petroni ne.**

### Bejgh — Azzjoni Redibitorja — Vizzji Okkulti — "Refrigerator" — Art. 1475 u 1474 tal-Kodiċi Civili.

*Billi l-venditur jikkonsenja l-ħaġa mibjugħa lill-kumpratur, b'daqshekk hu ma jadempix l-obligi tiegħu kollha in forza tal-kuntratt; u mingħajr bżonn ta' stipulazzjoni specifika, tant fil-bejgħ ta' immobili, kemm fil bejgħ ta' mobili, huwa għandu obligi ulterjuri, jekk il-partijiet ma jkunux ftehmu f'sens kuntrarju — kif f'ċerti limiti jistgħu jagħmlu — ta' garanzija dupliċi; ċjoè dik tal-pussess paċifiku, u dik li tirrigwarda l-vizzji jew difetti tal-ħaġa mibjugħa.*

*Bil-garanzija dwar il-vizzji okkulti, il-venditur hu tenut jirrispondi għall-vizzji jew difetti okkulti li jirrendu l-istess ħaġa mhix tajba għall-użu li għalih hija destinata, jew inaqqsu dak l-użu b'mod illi, kieku l-kumpratur kien jaf bihom, ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz anqas. U' meta jivverifika ruħu l-konkors ta' l-estremi kollha meħtieġa għal din il-garanzija, jiġifieri li l-vizzji jew difetti ikunu gravi, okkulti, u pre-eżistenti, il-kumpratur jista' jagħżel bejn li jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura parti mill-prezz korrispondenti għall-valur nieqes.*

*Il-venditur mhux tenut jiggarantixxi lill-kumpratur li l-ħaġa mibjugħa hija eżenti minn kull vizzju jew difett, imma biss li hija eżen-*

*fi minn difetti okkulti kif kawn fuq inghad. Imma n-natura, apparenti jew okkulta, tal-vizzju ghandha tigi kunsidrata in rapport tal-kapacità u konjizzjoni komuni tal-bnedmin; u mhix biżżejjed, biex vizzju jiġi ritenut apparenti, iċ-ċirkustanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tiġi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit.*

*Xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jiġi riparat; dak li jimporta hu esklużivament l-istat u l-kondizzjoni tal-ħaġa fil-mument meta din tgħaddi għar-riskju u periklu tal-kompratur; u min iħallas il-prezz jist ta' ħaġa ġdida ma għandux jiġi kostrett jikkuntenta b'ħaġa msewwija, kbira jew żgħira kemm tkun dik it-tiswija.*

*Il-karattru tal-gravità huwa relativ, speċjalment fil-każ ta' apparati delikati, bħal ma huwa refriġeratur, li jirrikjedu attenzjoni skrupoluża u osservanza ta' ċerti regoli prattiċi fil-maniġġar tagħhom, kif ukoll stat ta' kondizzjoni perfetta. F'dawn l-apparati kwalunkwe mankament għandu l-importanza tiegħu, għax jinfluwixxi ħafna fuq il-funzjonament tajjeb ta' l-apparat, speċjalment meta si tratta ta' apparat domestiku, intiż biex jiġi wżat minn nies komuni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fl-14 ta' Awissu 1952 huwa xtara minn għand il-konvenut "refrigerator" ġdid, li huwa ħallas bil-prezz ta' £70 immedjatament mal-konsenja, u b'garanzija li huwa fi stat tajjeb valida sa żmien sena; u li dak ir-"refrigerator", malli beda jiġi wżat, anzi mill-ewwel darba li ntuża, wera difett u ma iffunzjonax tajjeb; u, non ostante li l-konvenut ipprova jħaddmu huwa stess u bagħat diversi esperti biex iħaddmuh, baqa' difettuż, tant illi fl-aħħar esploda; u li huwa, minħabba dan id-difett gravi li kellu r-"refrigerator" u li kien okkult, u minħabba l-garanzija lilu mogħtija mill-konvenut, insista għar-rexissjoni tal-bejgħ, imma l-konvenut, interpellat, ma riedx jirtira l-istess "refrigerator" u jirrestitwixxi l-prezz imħallas; talab (1) li jiġi rexiss il-bejgħ ta' l-istess refriġeratur fuq imsemmi minħabba l-vizzju okkult fuq riferit u minħabba fil-garanzija fuq imsemmija; (2) li l-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lilu s-somma ta' £70 rappreżentanti l-prezz minnu mħallas lill-konvenut; (3) li

l-konvenut jigi kundannat biex jirtira minn ghandu l-istess refrigeratur u zmien qasir u perentorju. Bl-imghax kummerċjali minn notifikazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Lulju 1953, li biha giet milqugha t-talba, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawża huma fil-qosor dawn: L-attur xtara minn ghand il-konvenut ir-"refrigerator" in kwistjoni, u l-konvenut ikkonsenjalu l-ghada stess tal-bejgh tieghu, u l-ghada l-konvenut hallas il-prezz konvenut fis-somma ta' £70. Il-konvenut wieghed lill-attur li jibghatlu ragel biex jixghellu r-"refrigerator" l-ewwel darba. Dan ir-ragel ma marx, u wara xi tlitt ijiem il-konvenut mar huwa stess b'lavrant mieghu, u qabbad lil dan il-lavrant, li kien Carmelo Spiteri, jimla t-tank bil-pitrolju u jixghel il-"burner". Il-"burner" beda jdahhan, u l-konvenut ma setax jirregolah, u ghalhekk ipprometta lill-attur li jibghatlu lir-ragel. Il-pitghada dan ir-ragel, li kien Alessandro Baldacchino, mar u ha mieghu lil huh Maurice biex ighinu. Huwa ghamel xi provi biex jiċċentra l-fjamma u jevita li ddahhan, u sahansitra gieb tank iehor; imma sab li, jekk italla' l-fjamma, il-lampa ddahhan, u ghalhekk huwa rregola l-fjamma kemm ma ddahhanx, u qal lill-attur li kien sejjer jerga' jghaddi dak inhar stess wara nofs inhar biex jara r-riżultat. Dana Baldacchino, però, dak inhar ma regax mar;

Dak inhar fil-ghaxija l-attur ċempel lill-konvenut biex ighidlu li kellhom jitfu l-lampa ghax bdiet iddahhan. L-imsemmi *Baldacchino rega' mar* **jara r-"refrigerator", u wara** qal lill-konvenut li t-tank kellu bżonn ta' xi "supports", ghax biċ-ċaqlieq, meta tinfetah jew tinghalaq il-bieba, il-fjamma kienet tvarja. Il-konvenut awtorizza lil Baldacchino jaghmel dak li kien hemm bżonn, imma Baldacchino ma regax mar. Xi jumejn wara, billi l-attur kien rega' lmenta mir-refrigeratur, il-konvenut baghtlu ragel iehor, li kien Emmanuele Micallef, u dana, wara li ha xi temperaturi ta' postijiet diversi tar-refrigeratur, irregola l-fjamma tal-'burner'.

l qabel teraq qal lill-attur li jerġa' jgħaddi l-għada biex jara kif ikun mar. Meta l-għada Micallef mar, sab li l-fjamma kienet ittaila' iżjed milli kien ħallieha hu, u dana għaliex fl-intervall kien għadda l-konvenut u kien taila l-fjamma huwa. Micallef reġa' baxxa l-fjamma, u qal lill-attur biex ma jtellawiliiex. Xi granet wara, il-mara ta' l-attur qalet lis-serva biex toħroġ it-tank mir-"refrigerator" biex jimlewh bil-pitrolju. Is-serva ħarġet it-tank, u malli poġġietu fuq il-mejda dana splođa u qabad, u bl-esplożjoni t-tank sforma ruħu għal kollox, u l-"gauge" tiegħu tal-pitrolju nħaraq. Ir-refriġeratur, però, ma kellux x'jaqsam ma' l-esplożjoni u ma ġralu xejn;

Mill-perizja li ġiet adoperata rriżulta li r-"refrigerator" in kwistjoni hu tad-ditta "Basile" ta' Brussels, tat-tip "Ab-sorbtion System", u jaħdem permezz ta' fjamma ta' "burner" tal-pitrolju. Il-qies tiegħu hu ta' "capacity"............;

*Omissis;*

Jirriżulta wkoll li l-attur ħa kura normali tar-refriġeratur, li ma sofra ebda ħsara għandu. L-attur installah fil-kamra tal-pranzu, f'post li hu adattat għalih. L-attur lanqas ma hu responsabili għall-esplożjoni tat-tank; u dan għar-raġunijiet li ta l-perit, u li huma s-segwenti:—

*Omissis;*

Għaldaqstant il-perit issottometta illi, meta ġie konsenjat lill-attur ir-refriġeratur in kwistjoni, dan kellu difett li minħabba fih ma setax jiffunzjona, u li dan id-difett ma ġiex irranġat għal kollox mill-imsemmijin mekkaniċi; għaliex l-imsemmijin "stoppers", li huma neċessarji peress illi permezz tagħhom tiċċentra l-fjamma, għadhom neqsin;

Però, kif l-istess perit spjega fix-xhieda tiegħu, dawn huma difetti li jistgħu jiġu rranġati, u b'tank ieħor ġdid ir-refriġeratur ikun jista' jaħdem perfettament;

Fix-xhieda tiegħu (fol. 77) il-perit irrileva wkoll li dan it-tip ta' "refrigerator" bħal dak in kwistjoni għandhom difett, eżistenti biss fihom, li wieħed ikollu joħroġ il-lampa qabel ma jbaxxiha, u qabel ma joħrogħa għal kollox irid inizżilha; u jekk ma jagħmelx hekk, jiġifieri jekk joħroġ it-tank qabel ma jnizżilha, dana jesplodi, u intant wieħed ibati

biex jiżżel il-lampa fil-post, għaliex idejh ma jiddubux sewwa (fol. 77 tergo), u dan il-lampa ma għandhiex dak il-'handle' twil li soltu jkollhom lampi ta' "refrigerators" oħra; u dan l-inkonvenjent igro inkonvenjent ieħor, li l-perit ikkwalifikah bħala difett, kif bħala difett ikkwalifika l-inkonvenjent l-ieħor, illi, biex wieħed jixgħel il-lampa, ikollu bil-fors jinżel ma' l-art, u dan id-difett ma jeżistix f'"refrigerators" oħra, u trid tkun tekniku biex tinduna bih. Il-perit irrileva wkoll illi, appuntu għaliex il-"burners" ta' dawn il-"refrigerators" huma effiċjenti ħafna, jirrikjedu attenzjoni kbira u "jirrikjedi kważi mechanic" biex jirregolahom. Il-perit spiċċa biex esprima l-opinjoni illi l-lampa ta' dan ir-"refrigerator" mhix tajba "for domestic use" (fol. 80 tergo);

Kif huwa risaput, bil-konsenja tal-ħaġa mibjugħa l-venditur ma jadempix integralment l-obligi kollha tiegħu in forza tal-kuntratt; u difatti xejn ma tkun swiet il-konsenja jekk in segwitu l-kumpratur jiġi privat minn min ikollu d-dritt mill-pussess jew godiment tal-ħaġa, jew ta' parti minnha, jew jekk dik il-ħaġa mbagħad turi ruħha li mhix tajba għall-użu li għalih hija destinata minħabba xi vizzju jew difett tagħha. Għalhekk il-venditur, skond il-liġi, u kwindi mingħajr bżonn ta' stipulazzjoni speċjali, tant fil-bejgħ ta' immobili kemm fil-bejgħ ta' mobili, għandu obligu ulterjuri — naturalment jekk il-kontraenti ma jiftehmux f'sens kuntrarju, kif f'ċerti limiti jistgħu validament jagħmlu — ta' garanzija duplici: dik konċernenti l-paċifiku pussess u tgawdija tal-ħaġa mibjugħa, komprendenti l-fatt proprju tal-venditur u l-fatt ta' ħadd ieħor, u, eċċezzjoni magħmula biss għall-każ ta' bejgħ ġudizzjali, dik li tirrigwarda l-vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa;

B'dina t-tieni speċi ta' garanzija, il-venditur hu tenut jirrispondi għall-vizzji jew difetti okkulti li jirrendu l-istess ħaġa mhix tajba għall-użu li għalih hija destinata, jew inaqqsu l-użu b'mod illi, kieku l-kumpratur kien jaf bihom, jew ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz anqas. Meta jivverifika ruħu l-konkors tal-estremi kollha meħtieġa għal din il-garanzija, jiġifieri li l-vizzji jew difetti jkunu gravi, okkulti u pre-eżistenti, il-kumpratur jista', kif jagħżel huwa, jew jagħti lura l-ħaġa u

jieħu lura l-prezz tagħha, jew iżommha u jieħu lura dik il-parti mill-prezz li tkun tirrappreżenta l-valur nieqes, li tiġi stabbilita mill-Qorti;

Fil-każ li qiegħed jiġi diżaminat, l-attur ġie 'l quddiem bl-azzjoni diretta għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, magħrufa bl-isem ta' azzjoni redibitorja; għaliex, kif jgħid Pothier, "redhibere est reddere";

Il-venditur mhux tenut jiggarantixxi lill-kumpratur illi l-ħaġa mibjugħa hija eżenti minn kull vizzju, imma biss li hija eżenti minn dawk il-vizzji jew difetti okkulti li jirrenduha ma hix atta għall-użu li għalih hija destinata, jew li jnaqqsu l-użu b'mod li, kieku l-kumpratur kien jaf bihom, jew ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz minuri;

In-nozzjoni teknika fondamentali ta' dak li għandu jiftiehem b'vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa mhix ħaġa li tista' tiġi faċilment stabbilita. Il-kriterju traċċjat minn Tartufari hu fis-sens li jiġi rigwardat l-istat u l-kondizzjoni obbjettiva tal-ħaġa individwalment kunsidrata, mingħajr konfront ma' ħwejjeġ oħra, għalkemm ta' l-istess speċi. Għal kull ħaġa, tkun xi tkun l-ispeċi u l-kwalità, hemm ċertu mod kif tkun dik il-ħaġa li jirrappreżenta l-istat u l-kondizzjoni normali, b'mod li minnu tiddependi l-attitudini tagħha għall-użu li għalih skond in-natura tagħha hija destinata, jew li l-partijiet kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-kuntratt. Kull devjazzjoni li tinsab fil-ħaġa minn dak "il modo di essere" ordinarju u normali tagħha, tagħmilha vizzjuża u difettuża; u għalhekk b'vizzju jew difett għandu appuntu wieħed jifhem kull anormalità jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tiġi riskontrata fil-ħaġa, u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudini għall-użu jew il-bontà u l-integrità tagħha. "Per giudicare se una data cosa sia o no viziata o difettosa, fa d'uopo avere riguardo allo stato od alla condizione obbiettiva della cosa individualmente considerata, prescindendo da qualsiasi confronto con altre, per quanto della medesima specie; e da qui pure apparisce quali debbano essere gli elementi e i termini su cui fondare tale giudizio. Per ciascuna cosa, infatti, quale che ne sia la specie e la qualità, evvi un certo modo di essere che ne rappresenta lo stato e la condizione normale, modo di essere

da cui dipende la sua attitudine all'uso cui è per sua natura destinata, o che le parti ebbero specialmente di mira nella conclusione del contratto. Ora qualunque deviazione che in essa si verifichi da questo suo modo di essere ordinario e normale, fa sì che la cosa stessa si debba riconoscere viziata o difettosa. E per vizio o difetto deve appunto intendersi qualunque anormalità o imperfezione, e qualunque guasto o avaria, che si riscontra nella cosa, più o meno offendendone l'attitudine dell'uso, o la bontà o l'integrità. A parlar propriamente, difetto indicherebbe tutto ciò che manca alla cosa per esercitare in modo pienamente conforme alla sua natura, e però agirebbe in senso negativo: vizio, invece, starebbe a designare qualunque alienazione senza di cui la cosa sarebbe appunto quale normalmente dev'essere, e però agirebbe in senso positivo" (Codice di Commercio Commentato, co-ordinato da Leone Bolaffio e Cesare Vivante, Vol. III, no. 363);

Fuq dan il-pont jaqbel Vivante, li jgħid :— "I vizi sono inerenti al modo imperfetto con cui la merce fu fabbricata.............. il vizio è un guasto o deperimento della merce, fuori del suo stato normale" Trattato di Diritto Commerciale, Vol. IV, no. 1654);

F'dan l-istess sens esprimiet ruħha l-ġurisprudenza, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tat-Tribunali Taljani riportati fir-"Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Civile" (Vol. VIII, pag. 555, no. 82) :— "Il vizio o difetto redibitorio...... consiste in una alterazione, un'anomalia, un guasto, un deterioramento, una manchevolezza della cosa, che alla qualità stessa tolga l'efficacia";

Data n-nozzjoni teknika, kif fuq determinata, ta' dak li għandu jiftiehem b'vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa, ma jistax ġuridikament jingħad li huma vizzji jew difetti li jagħtu lok għal garanzija relativa ċ-ċirkustanzi fuq rilevati, jiġifieri li r-refrigeratur tat-ip ta' dak in kwistjoni jirrikjedi illi, biex wieħed ibaxxi l-lampa, ikollu joħrogħa u jrid jniżżilha qabel ma joħrogħa għal kollox, għaliex jekk ma jsirx hekk tista' ssir esplożjoni; li għandhom inkonvenjent li wieħed ikollu jitbaxxa ma' l-art biex jixgħel il-lampa minħabba n-

nuqqas ta' "handle" twil fuq jinsemmi; jew li, minħabba t-tjubija u l-effikaċja kbira tal-"burner", jirrikjedi attenzjoni kbira, anzi kważi l-opra ta' mekkaniċi, biex wieħed jirregolah, u li, appuntu għalhekk, il-lampa ta' dawn ir-refriġeraturi mhix tajba għal "domestic use". U difatti, dawn l-inkonvenjenti kollha, sija pure difetti, kif sejħilhom il-perit, ma jidderivawx mill-mod imperfett li bih ġie fabbrikat ir-refriġeratur in kwistjoni; ma jikkostitwux gwast jew deperiment tar-refriġeratur in kwistjoni barra mill-istat tiegħu normali, għaliex anzi l-istat tiegħu normali, jiġifieri l-istat normali tar-refriġeratur tat-tip, ossija mudell, tiegħu, huwa hekk, kif inhu dak in kwistjoni, kif fuq deskritt in rigward tal-lampa tiegħu; ma jikkostitwux nuqqas ta' xi ħaġa fir-refriġeratur in kwistjoni biex jeżisti konformement għan-natura tiegħu, anzi huwa jeżisti pjenament konformi għan-natura tiegħu, dato l-mudell tiegħu, bihom, għaliex bihom huwa jkun bħal l-oħrajn ta' l-istess mudell tiegħu; ma jikkostitwux alterazzjonijiet li saru fil-fabbrikazzjoni ta' dan ir-refriġeratur in kwistjoni, li jirrenduh mhux normalment dak li għandu jkun. Il-fatt li r-refriġeratur tat-tip bħal dak in kwistjoni mhux bħal "refrigerators" oħra ma jimporta xejn, għaliex, kif ġa ngħad, għandhom jiġu rigwardati l-istat u l-kondizzjoni obbjettiva "della cosa individualmente considerata, prescindendo da qualsiasi confronto con altre, per quanto della medesima specie". Jista' wkoll jiżdied, a propożitu ta' ċerti inkonvenjenti fuq aċċennati, illi, anki kieku kienu vizzji, ma kienux jirrendu ammissibili l-azzjoni redibitorja; għaliex, kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fit-22 ta' Frar 1928, fil-kawża "Polumbo c. Covone", biex ikun hemm lok għal din l-azzjoni, il-vizzji okkulti għandhom ikunu tali li jneħħu jew jiddiminixxu l-użu tal-ħaġa skond id-destinazzjoni naturali tagħha jew dik presupposta mill-partijiet, u hija inammissibli l-azzjoni meta l-vizzju jirrendi biss maġġjorment oneruża l-utilizzazzjoni tal-ħaġa mixtrija (G.I. 1928. 1, 1, 951). Wieħed jifhem faċilment li l-attur ma kienx jixtri dan it-tip ta' refriġeratur kieku kien jaf l-inkonvenjenti li għandu u liema grad ta' konjizzjonijiet tekniċi irid wieħed ikollu biex iħaddmu, u x'attenzjoni jrid ukoll juża; imma dana biss ma jagħtiehx ir-ri-

medju tar-redibitorja. Seta' kellu rimedji oħra skond il-liġi, speċjalment in vista tal-fatt li l-konvenut ma wriehx l-"instructions", u, meta .ah l-istruzzjonijiet bil-fomm, ma qallu xejn minn dak kollu li fuq ingħad, u li anki l-"instructions" tal-fabbrika, kif qal il-perit (fol. 77 tergo), mhumiex ċari biżżejjed dwar il-konsegwenza li jistgħu jiġru bil-maniġġar ħażin tal-lampa ;

Per', kif ġa ntqal, il-perit issottometta illi r-refriġeratur in kwistjoni, kif ġie konsenjat lill-attur, kellu difett, u dan id-difett kien sostanzjali, għaliex minħabba fih, ir-refriġeratur ma seġgħax jiffunzjona, u baqa' ma jiffunzjonax non ostante li pprovaw iħaddmuh tant il-konvenut kemm il-lavranti li bgħat. Dana l-perit irripetieh fix-xhieda tiegħu, meta qal :— "Nista' ngħid li dak id-difett jeżisti fir-refriġeratur........";

Dan huwa ċertament vizzju jew difett li għalih tapplika l-garanzija, jekk jirrivesti r-rekwiżiti kollha ġa fuq aċċennati, tal-gravità, okkultezza, u pre-eżistenza ;

Illi d-difett hu gravi u *pre-eżistenti jirriżulta mill-perizja*; għaliex minnha jirriżulta li l-vizzju jew difett kien ġa eżistenti fil-mument meta r-"refrigerator" għadda għar-riskju u perikolu ta' l-attur (Vivante, op. ċit., no. 1658) ; u hu vizzju gravi, għaliex minħabba fih ir-"refrigerator" ma ffunzjonax. Il-miżura tal-ġravità hija mogħtija mill-art 1474 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi li l-venditur hu *obligat li jagħmel tajjeb għad-difetti* li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa, li jagħmulha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar. li kieku kien jaf bihom. Issa, fil-każ preżenti, kif ġa ngħad, ir-refriġeratur ma *ffunzjonax* ; kwindi wera l-assoluta inattitudini biex iservi għall-użu li għalih ġie destinat;

Il-karattru tal-vizzju okkult jista' jiġi faċilment deżunt mill-art. 1475 Kodiċi ċitat, fejn jingħad illi l-venditur ma jweġibx għad-difetti li jidhru, li x-xerrej seta' jaf bihom waħdu. Il-liġi kwindi tagħti żewġ kriterji distinti : wieħed konsistenti fl-apparenza esterjuri u manifesta tal-vizzju jew difetti tal-ħaġa mibjugħa ; l-ieħor *fil-possibilità li fiha l-kumpratur ikun* jinsab li jinduna bil-vizzji jew difetti meta jeżamina l-ħaġa bid-diliġenza okkorrenti. "Non è dunque necessario", igħid

Laurent, "che essi colpiscano lo sguardo. Il compratore deve esaminar la cosa e verificarla" (Vol. 24, pag. 212). Fl-eżami tal-ħaġa l-kumpratur għandu juża dik id-diliġenza konsweta ta' "buon padre di famiglia", avut rigward għan-natura ta' l-istess ħaġa u għaċ-ċirkustanzi tal-kuntratt u għall-użu komunement osservati" (Tartufari, op. cit. no. 369). In-natura, pero', apparenti jew okkulta, ta' vizzju għandha tiġi kunsidrata in rapport tal-kapaċità u konjizzjoni komuni tal-bnedmin, u mhix bizzejjed, biex vizzju jiġi ritenut apparenti, iċ-ċirkustanza illi s-sussistenza tiegħu tista' tiġi rilevata għas-sempliċi eżami tal-ħaġa minn bniedem ta' l-arti jew perit (App. Genova 21 ta' Diċembru 1910, "Farocus — Mozzanis", Temi Gen. 13). Issa, fil-każ preżenti, il-vizzju jew difett għandu jiġi, skond il-kriterji fuq indikati, ritenut okkult; l-għaliex b'dan id-difett, kif qal ukoll il-perit, l-attur ma setax jinduna, non ostanti l-eżami diliġenti u akkurat li seta' jagħmel tar-refriġeratur; id-difett ma setgħax jidher qabel ma ġie pruvat l-oġġett fid-dar ta' l-attur;

Jirrikorru, għaldaqstant, l-estremi kollha rikjesti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni eżerċitata mill-attur:

Hu veru li, kif qal il-perit, il-vizzju jew id-difett jista' jiġi riparat; imma dan ma jimporta xejn; dak li jimporta hu esklużivament l-istat u l-kondizzjoni tal-ħaġa fil-mument li tgħaddi għar-riskju u perikolu tal-kumpratur. "La gravità dei vizi o difetti", jgħid Tartufari, "non deve confondersi con la loro irreparabilità; o, in altre parole, se essi debbono essere gravi; così non è richiesto che siano anche perpetui, o che non si abbia alcuna possibilità di ripararli o rimuoverli. Ciò che importa è esclusivamente lo stato e la condizione della cosa al momento che noi vedremo doversi considerare; e se in quel momento la cosa stessa era viziata o difettosa, per modo che il compratore o non l'avrebbe comprata o ne avrebbe offerto un prezzo minore, a nulla giova che i suoi vizi o difetti possano poi essere in più o meno lungo tempo, e con maggior o minor spesa, riparati e rimossi. Tutt'al più il compratore potrebbe pretendere di derivarne il diritto ad esigere che il vendi-

tore provvedesse del proprio alle occorrenti riparazioni; ma questo non è, come vedremo da annoverarsi tra gli ordinari e naturali effetti della garanzia" (op. citata, paġ. 389):

L' inveru, min iħallas flus, min iħallas il-prezz ġust ta' ħaġa ġdida, ma għandux jiġi kostrett jikkuntenta b'ħaġa msewwija, kbira jew żgħira kemm tkun dik it-tiswija. Anki Laurent hu ta' l-istess opinjoni. Hu jikteb illi, fil-fehma tiegħu, "ikun qiegħed jaġġungi għall-liġi min jgħid li l-vizzju jrid ikun realment irrimedjabili illi l-ħaġa tibqa' "per sempre impropria, in tutto o in parte, all'uso cui è destinata" (op. cit., Vol. 24, paġ. 209);

El-aħbarnett, ma hemm xejn fl-art. 1474 illi minnu wieħed jista jiddeduċi li l-vizzji għandhom ikunu assolutament mingħajr rimedju. Troplong jikteb, a propożitu:— "Finalmente, nell'articolo 1641 non vi è pur una parola donde inferire che i vizi contemplati da esso debbano essere assolutamente senza rimedio". L-art. 1474 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna huwa eżattament bħall-artikolu 1498 tal-Kodiċi Ċivili Taljan u bħall-art. 1641 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż:

Għall-motivi premessi, it-talba ta' l-attur, bażata fuq il-garanzija li għandu bil-liġi u fuq il-garanzija li tah l-attur, jistħoqqilha li tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, li biha dana appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tat-30 ta' Lulju 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li biha dana talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi rriżulta li l-attur xtara min għand il-konvenut "refrigerator" tal-fabbrika "Basile", u xtrah bi ġdid fiammant u bil-garanzija ta' sena li jiffunziona tajjeb............ Certament, kif irriżulta sewwa mill-provi, l-attur lil dak ir-"refrigerator" ma għamillu xejn; u meta raħ il-perit ġudiz-

zjarju, rah kif kien qabel, salvo t-tank li kien splode;

Ikkunsidrat;

Illi għall-azzjoni redibitorja l-oġġett għandu jiġi kunsidrat fl-interezza tiegħu kollha fil-mument tal-konsenja susseġwenti għall-bejgħ. Ċertament, biex il-vizzju jkun redibitor,u. tehtieġ fih ċerta gravità. Iżda dik il-gravità hija relativa; għax fil-każ ta' apparati delikati, li jirrikjedu attenzjoni skrupoluża u osservanza ta' ċerti regoli prattiċi fil-maniġġar tagħhom, kif ukoll stat ta' kondizzjoni perfetta, kwalunkwe mankament għandu l-importanza tiegħu, għax jinfluwixxi ħafna fuq il-funzjonament tajjeb ta' l-apparat. U dan huwa aktar il-każ meta l-ħaġa tkun apparat domestiku, intiż biex jiġi wżat minn nies komuni, li mhux suppost li jkollhom konjizzjonijiet tekniċi li bis-saħħa tagħhom ikunu jistgħu faċilment jindunaw bid-difetti u jirrimedjawhom malajr. U tabilħaqq, ġie wkoll deċiż mill-Qrati Taljani illi:— "Si versa in tema di vizi redibitori quando si dice che le cose consegnate avevano difetti che hanno reso necessario delle semplici aggiustature, raddrizzature o correzioni, per renderle atte all'uso cui erano destinate". U ġie deċiż ukoll illi:— "La mancanza nella cosa venduta di una qualità facilmente riparabile dà luogo a un semplice vizio redibitorio......... Conseguentemente, in mancanza di un patto avente per scopo di escludere il vizio medesimo, l'azione relativa è azione redibitoria" (Fadda, Giurisprudenza sul Cod. Civ., Vol. VIII, art. 1498, no. 316, 314-15, p. 573);

Irriżulta fil-każ in kwistjoni illi, fil-mument tal-konsenja, ir-"refrigerator" kien "out of adjustment", għax l-"angle iron rails" li fuqhom jimxi t-tank kienu mgħawġin u difettużi, u li "stoppers" li kienu jirregolaw il-pożizzjoni tat-tank kienu neqsin, u minħabba dawn id-difetti l-"burner" ma kienx ċentrabbli mat-toqba tal-"boiler". Dawn id-difetti, li ġew rilevati mill-perit, instabu wkoll mit-tekniċi li kien bagħat il-konvenut; u fosthom Maurice Baldacchino kien sab it-tank "sċentrat tal-biża". Kif irrileva l-perit, Micallef ma setax sab li "stoppers" meta ra l-apparat, għax kieku kien hemm li "stoppers" ma kienx ikun possibili jaqla' t-tank minn wara, kif fil-fatt huwa għamel;

Dawn id-difetti, li kienu l-kaġun ta' l-irregolarità tas-

shana, u tad-duħħan u ġmied, kif ukoll tal-perikolu ta' ħsara, kienu jassumu ċerta importanza u gravità minħabba l-għamla tar-''refrigerator'' stess, peress li l-fjamma ma kienetx aġġustabili minn barra, u biex jara wieħed kellu jbaxxi wiċċu ma' l-art. F'dak l-istat, apparti d-diffikultajiet kbar fil-maniġġar ta' l-apparati konstatati sew mill-konvenut kif ukoll mit-tekniċi mibgħuta minnu, u konfermati mill-perit, li però mhumiex vizzju redibitorju, ir-''refrigerator'' ma kienx fi stat li jiffunzjona, u ma setax jiffunzjona, kif ġie konstatat mill-perit ġudizzjarju (fol. 51). Għaldaqstant kien hemm fih il-vizzju redibitorju;

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu li, skond il-perit ġudizzjarju, dawk id-difetti setgħu jirranġaw ruħhom. U tabilħaqq, il-perit irnexxielu jħaddmu, meta skoprielu d-difetti u rrimedja għalihom bl-esperjenza teknika tiegħu, wara li ġieb tank ieħor ġdid. Iżda min jixtri apparat domestiku mhux suppost li jkun inġinier li jkun jista' jagħraf id-difetti, jiddritta l-imgħawweġ, u jissupplixxi għal dak li jkun jonqos. U, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti fuq l-awtorità tal-għorrief tal-liġi minnha msemmija, għall-azzjoni redibitorja mhuwiex meħtieġ li d-difetti jkunu irriparabili. U tabilħaqq, min jixtri oġġett ġdid fjamant, u jħallsu bi ġdid, u fuq kollox jixtrieħ bil-garanzija espressa li jiffunzjona tajjeb, ma għandux jieħu ħaġa msewwija, imma għandu jirċeviha f'kondizzjoni perfetta u regolari mill-ewwel, bla bżonn li jmur isejjaħ tekniċi biex jaġġustaw id-difetti tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ tal-partijiet ma hemmx biss il-garanzija preskritta mil-liġi fuq il-vizzju okkult, li fil-fatt kien hemm, għax id-difett deher wara li r-''refrigerator' ġie konsenjat lill-attur u l-konvenut ipprova jħaddimulu. Iżda kien hemm ukoll il-garanzija espressa u konvenzjonali tal-konvenut, li jaħdem tajjeb għall-funzjonament regolari tar-''refrigerator'' żmien sena. Ukoll, bis-saħħa ta' dina l-garanzija konvenzjonali, l-attur kellu d-dritt jirriżolvi x-xiri; għax id-difetti, għalkemm mhux kbar fid-daqs materjali, kienu biżżejjed biex jimpedixxu l-funzjonament ta' l-apparat, u għalhekk jirrenduh mhux

tajjeb għall-użu li għalih l-attur kien xtrah — tant li lanqas il-konvenut, li kellu wieħed bħalu f'daru, u t-tekniċi tiegħu, ma sabu rkaptu jirranġawh, għax ma sabux fejn kien id-difett sewwa. Fix-xhieda tiegħu quddiem dina l-Qorti, il-perit qal ċar u tond li fil-mument tal-konsenja l-apparat bħala makna kien difettuż, l-għaliex ma setgħetx taħdem, u bħala ħaġa tad-dar min jixtriha għandu jħaddimha hu, u mhux inġinier, u li oġġett tant delikat għandu jiffunzjona fi kwalunkwe dettall. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi huwa ċar li d-difett li kellu r-"refrigerator" meta ġie mibjugħ lill-attur kienu ta' gravità biżżejjed biex jintitolaw lill-attur jirriżolvi x-xiri, sew bis-saħħa tal-garanzija legali rigwardanti l-vizzju okkult redibitorju, kemm bis-saħħa tal-garanzija konvenzjonali li kien tah il-konvenut fl-okkażjoni tal-bejgħ, u li ġiet ukoll dedotta bħala kawżali fiċ-ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u għall-fini ta' l-aħħar talba ta' l-attur tagħti lill-konvenut appellant jumejn żmien mil-lum.